# SME HELPDESK

Pubblikazzjoni 03
25 ta' Frar 2014

MALTA EMPLOYERS' ASSOCIATION

INFORMAZZJONI MIĠJUBA MILL-ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM



**Segretarjat ta' l-MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Executive in EU & Legal Affairs*
Dr Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv tal-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia



© Dan il-fuljet hu ippreparat u ċċirkulat mill-:
ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM
35/1, South Street, Valletta
VLT 1100, Malta
Tel: (+356) 21237585 / 21222992
24/7 Tel: (+356) 21222006
Fax: (+356) 21230227
admin@maltaemployers.com
www.maltaemployers.com
www.facebook.com/MaltaEmployersAssociation



**Corporate sponsor:**

vodafone


# Kif wegħdnikom sejrin inkomplu nżommu l-kuntatt regolari magħkom....

Merħba,

Din hija t-tielet pubblikazzjoni ta' dan il-fuljett, li l-MEA, permess tal-*SME Helpdesk* tagħha qegħda tibgħat elettronikament lil numru ta' employers, sidien ta' negozji żgħar.

Fl-ewwel ħarġa konna ħabbarna t-twaqqif ta' l-*SME Helpdesk*, filwaqt li fit-tieni ħarġa (il-pubblikazzjoni ta' Jannar 2014) konna ikkomunikajna magħkom u informajnikom dwar il-ħidma li l-istess *SME Helpdesk* kien beda jwettaq, favur is-settur tan-negozji ż-żgħar.

Issa ninsabu fi Frar, u reġa wasal il-mument li nagħmlu kuntatt magħkom.

F'dawn ix-xahrejn li għaddew kien hemm min ġa avviċinana, u b'hekk bdejna nistabilixxu rapport tajjeb bejnietna, fejn qed noffru kull għajnuna possibbli, sabiex ilkoll tirnexxu fin-negozju tagħkom.

Inħoss li kien bidu inkuraġġanti iżda hemm iżjed xi jsir. Għad hemm min, meta jagħmel kuntatt magħna permezz tat-telefon, fuq is-servizz ġdid tagħna (*24/7 helpline*) bin-numru:

## Tel: 21 222006

ħafna drabi, il-*caller*, meta isib *answering machine*, qed jaqta' u ma jħallilniex ismu u n-numru tat-telefon fejn nistgħu nirritornaw it-telefonata tiegħu, jew tagħha. Nappella sabiex tagħrfu tagħmlu użu aħjar minn dan is-servizz.

Kif spjegajtilkom fl-aħħar pubblikazzjoni, f'isem l-MEA, u bħala parti mill-ħidma tal-*SME Helpdesk*, jiena personalment bdejt niltaqa' ma' diversi entitajiet Governattivi, u oħrajn, kif ukoll ma entitajiet u awtoritajiet regolatorji

li b'xi mod jew ieħor, *employers* ikollhom x'jaqsmu magħhom waqt l-operat tan-negozju tagħhom.

Mill-ewwel laqgħat ġa nista ninforma lil dawk ikkonċernati, bħal per eżempju, il-MEPA għadha kif spiccat proċess ta' konsultazzjoni dwar tibdil fis-sistema ta' klassifikazzjoni ta' permessi (dawk magħrufin aħjar bħala *class uses).* Fil fatt fil-jiem li ġejjin ser tkun qed tiġi ppubblikata *legal notice* ġdida li tagħti dettalji ta' dawn il-*class uses* il-ġodda, issa li ser ikunu magħrufin bħala kategoriji ta' permessi. Fil-proċess ġie assigurat ukoll li għall-applikant jiġi iffaċilitat il-proċess, u tiġi eliminata il-burokrazija żejda. Fost it-tibdil hemm li issa ser ikunu jeżistu tmien kategoriji differenti , li jinqasmu f'diversi sezzjonijiet. Ser ikun qed jiġi eliminat ukoll il-bżonn li wieħed japplika biex jibdel *class use* ta' *premises*, f'każi speċifiċi. Iżda għal aktar dettalji nitlobkom tirreferu għal *website* tal-MEPA.

Laqgħa oħra li żammejt fil-ġimgħat li għaddew kienet dik mal-*building regulations board*, fejn ġbart informazzjoni ferm utli għal min qed jopera in-negozju tiegħu minn premises, kif ukoll għal dawk li għadhom fil-fażi ta' kostruzzjoni tal-propjeta kummerċjali / industrijali tagħhom.

Kull min jaqa taħt din il-kategorija, nissuġġerilu, li jaċċessa permezz tal-internet, u jaqra sew ir-regoli stabbiliti fi tlett *legal notices* partikolari, li huma :

**LN 72 of 2013,**

**LN 295 of 2007**, kif ukoll

**LN 376 of 2012** li tirreferi għar-regoli il-ġodda li għandhom x'jaqsmu mal- "*energy performance certification".*

Dawn huma regoli importanti li wieħed għandu jagħti kashom u josservhom, għaliex barra li hemm minnhom li huma regolamenti ġodda, hemm penali li ma humiex żgħar għal min jinqabad li ma jkunx konformi magħhom.

Bħalissa għadni għaddej b'dawn it-tip ta' laqgħat ma' diversi entitajiet. Jekk hawn min minnkom li jkun jixtieqni niġbor xi informazzjoni minn għand xi entita partikolari, liema informazzjoni iħoss li tista tkun utli għalih sabiex niffaċilitalu l-operat tiegħu fin-negozju, tiddejqu xejn tagħmlu komunikat miegħi fuq: anton.vella@maltaemployers.com

L-aħħar ħaġa iżda mhux l-inqas, ippermettuli nerġa infakkarkom fil-kors speċjalizzat li l-MEA għandha il-ħsieb li torganizza fix-xhur li ġejjin, cioe il-kors għal *employers* sidien ta' negozji żgħar, li jiggwidhom dwar diversi suġġetti relatati man-negozju u kif huma jistgħu jirnexxu aħjar.

Kull min huwa interessat f'dan it-tip ta' kors mifrux fuq xahrejn, għandu jikkuntattjana minnufih.

Grazzi, u tislijiet.

Anton.

Anton Vella
SME Helpdesk Executive

*Dan l-ispazju jista jiġi utilizzat minnkom l-employers, sidien ta' negozji żgħar, li tkunu tixtiequ tirreklamaw is-servizzi jew prodotti tagħkom, ma' dawk kollha li jirċievu dan il-fuljett.*

*Jekk fil-ħarġa li jmiss tixtieq li dan l-ispazju ikun utilizzat minnek, u tikkontribwixxi permezz ta' reklam, jekk jogħġbok ikkuntatjani sabiex fuq bażi ta' first come first served inkun nista' nirriservah għalik.*

*Grazzi bil-quddiem.*

*Anton*